hu magħruf fir-Rabat u dawk l-inħawi bl-isem ta' "Għajn Slampa".

* * *

Ħdejn l-istazzjon tal-ferrovija li jħares lejn l-Imtarfa, hemm bini li jixbah lil dak ta' taħt il-Każin tas-Sinjuri tas-Saqqaja, u jismu "Għajn Ħamiem".

F'dan il-bini jew ħnejja, hemm nixxiegħa ta' l-ilma f'post daqsxejn mudlam u fih lapida qadima bil-Latin; dari n-nies kienu jużawh bħala għajn tal-ħasselin; daż-żmien jużawh biex kultant jisqu l-bhejjem minnu.

* * *

Fl-Imtaħleb hemm ħafna egħrien li huma abitati, bħalma kienu t-Trogloditi; f'dawk l-egħrien il-faċċata biss hija mibnija bil-kantuni.

Naħseb li dan il-lok jinteressa ħafna lit-turisti kif ukoll xi oħrajn li jiddilettaw bl-istorja.

* * *

Xi erbgħin sena ilu kien instab idolu tad-deheb fil-limiti tar-Rabat u kien raħ il-Kanonku Azzopardi tal-Grotta ta' San Pawl.

* * *

Ftit snin qabel din l-aħħar gwerra fil-limti tar-Rabat, Wied il-Fiddien, instab idolu ieħor tal-bronz u lapida miegħu.

* * *

## KALKARA

Il-Kalkara hemm il-Knisja tas-Salvatur li tat isem lil waħda minn dawk in-naħiet qabel l-Assedju l-Kbir u fiha suppost midfun il-Kavalier Bighi. Issa qiegħda sservi bħala maħżen għall-affarijiet tal-festa. Fiha wkoll basso riliev ta' Kavalier xi erba' jew ħames piedi.

* * *

Jingħad li fit-"Turretta ta' Soler", ħdejn il-Kalkara, fi żmien il-Franċiżi kienu jiltaqgħu l-Kapijiet tax-xewwiexa Maltin f'laqgħat sigrieti kontra l-Franċiżi.



# KARITA'

*Ta'* J. E. BUSUTTIL

KIEN żmien il-black-out u biex jitkompla jitkattar id-dlam, l-ajru kien mgħobbi bi sħab iswed. Kienu daqqu s-sagħtejn ta' fuq nofs il-lejl. Kont għaddej minn triq imwarrba sejjer lejn id-dar; rasi baxxa lejn l-art, idejja t-tnejn fil-bwiet tal-coat, berritta mgħaddsa f'rasi u b'moħħi jhewden fuq dak li kien għadda minn għalija ma' tul dik il-lejla. Fit-triq baħħ; il-ħoss tal-mixi tiegħi kien jinstama' ħdamdam u jidwi. Minn wara bieb ħarġet tiġri ħaġa sewda li ħasditni — ħarist warajja u sibt li kien qattus. Kien x'kien, il-ħasda ħadtha. Waqaft ftit biex bħalli kieku nirpilja, imbagħad bqajt miexi.

Kif ilwejt il-kantuniera, dejjem b'rasi baxxuta, mgħargħar fil-ħsebijiet, naħbat ma' ħaġa ratba, ħarist 'il fuq u nilmaħ bniedem li kien b'nofs wiċċu mgħammad u dan, b'leħen fgat qalli: "Ieqaf hemm, arfa' idejk fl-ajru jekk baqagħlek kont ta' ħajtek; ara titniffes. Ili nistenniek, tini li għandek", u waħħal il-kanna tar-revolver li kellu sewwa sew ma' sidri. L-anqas ħaġa li kont nistenna kienet dik it-theddida. Ksaħt għal kollox, ir-majt nirtogħod, tbikkimt, irmajt intemtem...

"Isa minnufih, tini kulma għandek; naf li ġej minn fuq il-mejda tal-logħob". U mingħajr ċerimonji dan it-tali qabad idaħħal idu fil-bwiet, fittixli kullimkien u saħansitra ta s-salt għal idi biex jisraqli l-arloġġ — għalkemm ma kellix. Fittixli kull rokna ta' persunti, ma sabli xejn. "Fejn huma l-flus?" reġa' qalli bl-istess leħen fgat. "Xi flus huma?" weġibtu. "Jekk tlift sa l-anqas ħabba". U hawn, dan il-flien, wara li rajtu jimsaħ demgħa minn għajnejh bit-tarf tal-maktur li kellu wiċċu mgħammad bih, daħħal idejh f'butu, ħareġ żewġ liri, taħomli u baqa' sejjer għal xogħlu... u jiena bil-fixla u bil-qatgħa li kienet qiegħda taħdem fuqi, mank għidtlu f'ħajjetek jew għar-ruħ min għandek mejjet.